**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 10/2017BS**

**John Rapa**

**-vs-**

**George u Loreta konjugi Galea**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ta' John Rapa illi ppremetta:

1. Illi l-attur huwa possessur ta' porzjon art magħruf bħala "Ta' Lambert" fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, liema art tinsab murija fuq il-pjanta Dokument A. Fil-fatt huwa jikkultiva din ir-raba';
2. Illi riċentement, u ċioe' f'xi żmien wara l-Milied 2016, l-intimati, jew xi ħadd minnhom, jew xi ħadd inkarigat minnhom, qabad u waqqa' ħajt li jagħlaq u jiddelinja din l-art posseduta mill-esponenti, kif ukoll għadda b'makkinarju minn nofs parti minn din l-istess art b'mod u manjiera li rrovina t-terran u prodotti li kienu hemm hekk kultivati mill-attur;
3. Illi b'dan il-mod, il-konvenuti jew min minnhom spussessaw lill-esponenti minn diversi aspetti tal-pussess tar-raba' posseduta minnu;
4. Illi għalhekk dan l-aġir tal-konvenuti jew min minnhom jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-attur li jrid li dan l-ispoll jiġi spurgat mingħajr dewmien.

5. Illi dan ir-rikors qed jiġi kkonfermat minn l-istess attur li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

i. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom, ikkommettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-attur meta huma, jew xi ħadd minnhom, jew xi ħadd inkarigat minnhom, qabad u waqqa' ħajt li jagħlaq u jiddelinja l-art magħrufa bħala Ta' Lambert fil-limiti ta' Għajnsielem, murija fuq il-pjanta annessa bħala Dokument A, posseduta mill-esponenti, kif ukoll għadda b'makkinarju minn nofs parti minn din l-istess art b'mod u manjiera li rrovina t-terran u prodotti li kienu hemm hekk kultivati mill-attur;

ii. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jisporgaw l-ispoll minnhom kommess u jerġgħu jirripristinaw l-art għall-istat li kienet fih qabel twettaq l-ispoll, u jħalluha a libera disposizzjoni ta' l-attur;

iii. Fin-nuqqas li jottemporaw ruħhom ma' dik l-ordni, tawtorizza lill-attur jagħmel ix-xogħolijiet neċessarji a spejjeż tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjeż kollha nklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata f'Jannar 2017 u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti illi eċċepew:**

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament l-attur għandu jindika l-art li qiegħed jippossjedi għaliex m'huwiex ċar l-entità tal-art in kwistjoni.

2. Illi fit-tieni lok, il-konvenuta Loreta Galea ma resqietx lejn it-territorju in kwistjoni għal bosta snin, ma wettqet l-ebda wieħed mill-atti allegatament spoljattivi u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż.

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-konvenut Gorg Galea kkommetta l-atti allegatament spoljattivi ferm qabel il-Milied tas-sena elfejn u sittax (2016) kif qed jallega l-attur u dana kif ser jintwera fil-kors ta' din il-kawża u għaldaqstant, dina l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artiklu 535 tal-Kap. 16.

4. Illi fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti ma wetqu l-ebda spoll fil-konfront tal-attur illi abbusivament qed jaħdem il-passaġġ illi jagħti għall-għelieqi tal-kontendenti sabiex jinki lill-esponenti illi għandhom kull dritt jaċċedu għall-għalqa tagħhom kif ser jintwera.

5. Illi minħabba dan, l-azzjoni tal-attur m'hi xejn ħlief abbuż tad-dritt.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi b'digriet tal-15 ta' Diċembru 2017 il-Qorti kif dak inhar presjeduta, laqgħet it-talba tal-attur u awtorizzat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża bin-numru 62/2013 u dawk tal-kawża bin-numru 90/2013 it-tnejn fl-ismijiet **George Galea et vs John Rapa**, deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju 2016 b'dan illi l-atti allegati għandhom iservu biss għall-fini tal-prova tal-pussess saż-żmien meta ngħatat is-sentenza u l-perjodu ta' żmien imsemmi fl-istess deċiżjonijiet.

Rat l-atti allegati.

Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019 il-Qorti kif presjeduta żammett aċċess u ħadet konjizzjoni tal-art mertu tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum bil-fakolta' konċessa lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

L-azzjoni attriċi titratta dwar spoll allegatament kommess mill-konvenut għad-dannu tal-atturi. Huwa paċifiku bejn il-partijiet illi l-konvenut huwa

l-proprjetarju tal-għalqa attigwa għal dik illi tinsab fil-pussess tal-attur. L-art proprjeta` tal-konvenut hija dik immarkata bl-ittra 'Y' fuq il-pjanta li tinsab a fol 105 tal-proċess. L-art fil-pussess tal-attur hija dik immarkata bil-kulur oranġjo fuq il-pjanta msemmija[1]. Jirriżulta qbil illi l-art fil-pussess tal-attur hija proprjeta` tal-aħwa Zammit Haber li wirtu din l-art mill-poteri ta' missierhom Giovanni Elia Zammit Haber.

Id-diverġenzi bejn il-partijiet f'din il-kawża u preċedentement dawk bejn Giovanni Elia Zammit Haber u l-konvenut odjern imorru lura għas-sena 1986 meta Zammit Haber fetaħ proċeduri kontra l-konvenut wara li dan ta' l-aħħar waqqa' l-ħajt li kien jifred l-għalqa ta' Galea minn dik ta' Zammit Haber. B'sentenza tad-19 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet **Giovanni Elia Zammit Haber vs George Galea** (Ċit. Nru. 100/1986) l-Ewwel Qorti qatgħet is-sentenza kontra Galea u ordnatlu jerġa jibdni l-ħajt diviżorju bejn iż-żewġ għelieqi. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell b'sentenza tat-3 ta' Diċembru 2010. Jirriżulta pero illi l-konvenut Galea baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi d-diverġenzi bejn il-partijiet baqgħu jikbru u jitkattru f'aktar proċeduri legali fil-konfront ta' xulxin. Fil-fatt il-kawża ta' llum ġiet preċeduta minn żewġ kawżi oħra, dik bin-numru 62/13 u dik bin-numru 90/13, it-tnejn fl-ismijiet **George Galea et vs Ganni Rapa**. B'sentenza tat-12 ta' Ġunju 2015 din il-Qorti kif diversament presjeduta, ċaħdet it-talbiet attriċi kif impustati kemm fil-kawża bin-numru 62/13 u kif ukoll f'dik bin-numru 90/13. L-atturi Galea interponew appell minn dawk is-sentenzi iżda b'sentenzi mogħtija fis-27 ta' Mejju 2016 il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat il-pronunzjament tal-Ewwel Qorti.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi, in vista tal-fatt illi l-proċeduri bejn il-partijiet imorru lura fis-snin, u billi l-kwistjoni baqgħet dejjem tirrigwarda l-istess ambjenti u l-istess ħajt, u l-provi matul kemm snin baqgħu dejjem jiġu riċiklati minn kawża għal oħra, ikun aktar għaqli u spedizzjuż jekk il-Qorti tagħmel referenza verbatim għall-dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenzi tagħha.

Fis-sentenza fil-kawża bin-numru 62/13 il-Qorti tal-Appell għamlet dawn l-osservazzjonijiet:

[1] B'referenza għall-pjanta li tinsab a fol. 4 tal-proċess għandu jingħad illi l-art fil-pussess tal-attur hija dik li tinsab immarkata bl-ittra 'B' waqt illi l-passaġġ li jwassal għal dik l-art huwa mmarkat bl-ittra 'A'. Il-parti li fuq dik il-pjanta ġiet indikata bl-ittri 'XY' turi l-ħajt li twaqqa u li jifforma l-mertu ta' din il-kawza.

*"**<u>Żewġ kawżi qed jinsemgħu flimkien: 62/2013 u 90/2013</u>**:*

*31. Jiġi osservat fl-ewwel lok li fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2014 l-ewwel Qorti għamlet riferenza għad-digriet li tat dak in-nhar stess fl-atti tal-kawża 90/2013 fl-istess ismijiet, fejn laqgħet it-talba tal-atturi biex ir-rikors ġuramentat (90/2013) jinstema' flimkien mar-rikors ġuramentat odjern bin-numru 62/2013. (Iż-żewġ kawżi huma azzjonijiet ta' spoll: din odjerna bin-numru 62/2013 tirrigwarda ir-rimi ta' skart fi trejqa/passaġġ, u dik bin-numru 90/2013 tirrigward l-ħrit ta' tali trejqa/passaġġ.) Iż-żewġ kawżi qegħdin jiġu deċiżi illum.*

***<u>Sfond tal-kawża u provi</u>***

*32. Il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan l-każ huma kemmxejn dettaljati u allura biex wieħed jifhem aħjar il-kwistjoni odjerna u l-ambjenti tal-post jkun utli li fl-ewwel lok issir riferenza għall-ritratti mill-ajru EJ3[2] u EJ4[3] esebiti mill-atturi appellanti. Jiġi spjegat li l-atturi appellanti huma l-proprjetarji ta' biċċtejn art indikati bl-ittra (B) u (C) fuq l-imsemmija ritratti, filwaqt li l-konvenut jaħdem art adjaċenti, proprjeta` tal-aħwa Zammit Haber, indikata bl-ittra (A).*

*33. Fuq dawn ir-ritratti mill-ajru jidher "passaġġ" indikat bil-kulur oranġjo. Jekk wieħed iqabbel ir-ritratt tal-1957 ma' dak tal-2008 jinnota xi differenzi. Fl-1957 dan il-passaġġ jidher mifrud mit-triq (Triq ta' Lambert) permezz ta' ħajt u jidher ukoll li l-passaġġ iwassal direttament fl-għalqa (A) u jispiċċa fiha, avolja il-kulur oranġjo huwa indikat (erronjament) it-tul kollu tal-għalqa (B) sal-għalqa (C). Qed jingħad li l-passaġġ jispiċċa fl-għalqa (A) għaliex jidher ħajt (X) li jifred kompletament l-għalqa (A) mill-għalqa (B). Fir-ritratt tal-2008 invece, il-passaġġ jidher li jibda' minn aċċess miftuħ mit-triq (il-ħajt li fl-1957 kien jifirdu minn mat-triq ma jidhirx hawnhekk) u jibqa' sejjer oltre l-għalqa (A) għal fuq l-għalqa (B) – u cioe` jidher li parti mill-ħajt li fl-1957 kien jifred iż-żewġ għelieqi (A) u (B) twaqqa' b'mod li l-passaġġ ġie estiż.*

*34. Jirriżulta li l-art indikata bl-ittra (B) (1549.mk) kienet inxtrat mill-atturi appellanti mingħand Raymond Spiteri fit-28 ta' Settembru 2001[4]. Fuq il-kuntratt ġie dikjarat li inkluż fil-bejgħ hemm il-jedd ta' passaġġ tal-venditur fuq it-trejqa li mit-Triq ta' Lambert twassal għall-għalqa. L-istess venditur iddikjara*

---

[2] Ritratt mill-ajru Dok EJ3 (1957), fol 37
[3] Ritratt mill-ajru Dok EJ4 (2008), fol 38
[4] Ara kuntratt Dok fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech, fol 13-15, u pjanta annessa fol 16

*li kemm hu kif ukoll il-predeċessuri fit-titolu tiegħu minn dejjem għamlu użu minn din it-trejqa, kemm bir-riġel kif ukoll bil-vettura sabiex jidħlu fl-art in vendita, mingħajr ma qatt kien hemm oppożizzjoni.*

*35. L-atturi appellanti Galea fir-rikors tagħhom spjegaw illi huma eżerċitaw id-dritt ta' passaġġ minn dan il-passaġġ b'mod regolari u minkejja xatba li tpoġġiet fil-bidu tal-passaġġ (fejn dan imiss mat-triq) sentejn qabel, huma baqgħu jgħaddu bir-riġel. Huma jilmentaw illi ftit qabel il-15 ta' Lulju 2013 il-konvenut appellat Ġanni Rapa tefa' bosta skart*[5] *(ġebel) fit-trejqa kif ukoll fit-Triq ta' Lambert b'mod li l-passaġġ qed jiġi ostakolat. L-attur Ġorġ Galea fl-affidavit tiegħu qal "Jiena nibża illi jekk dan l-iskart ikompli jiżdied, isir aktar diffiċli għalija, jekk mhux impossibbli, sabiex nidħol fl-għalqa tiegħi". Għalhekk saret din il-kawża.*

*36. Il-konvenut appellat Ġanni Rapa fix-xiehda tiegħu*[6] *in subizzjoni qal li kien hu li effettivament poġġa l-ġebel għall-ħabta ta' Lulju 2013. Qal li xi ħadd kien mar bil-gaffa u qaleb il-ħitan u li hu kien tefa' l-ġebel hemm sabiex jagħmel il-ħajt kif kien.*

*37. Fl-affidavit tiegħu*[7] *il-konvenut appellat spjega li missieru tar-rispett, Joseph Spiteri, kellu f'idejh żewġ biċċiet art f'dawk l-inħawi:*

*(1) waħda b'kera, proprjeta` ta' Zammit Haber (jidher li qed jirreferi għall-għalqa immarkata (A) fuq ir-ritratti tal-ajru) u*

*(2) waħda proprjeta` tiegħu iżjed 'il ġewwa (jidher li qed jirreferi għall-għalqa mmarkata (B) fuq ir-ritratti tal-ajru).*

*38. Skont pjanta*[8] *esebita minnu, l-għalqa proprjeta` ta' Zammit Haber*[9] *tidher li kienet tinkludi dan il-"passaġġ". Il-konvenut appellat jispjega li l-għalqa li kienet proprjeta` ta' Joseph Spiteri (l-għalqa (B)) kienet separata minn dik ta' Zammit Haber (l-għalqa (A)), u kienet aċċessibbli minn triq wara l-kappella ta' Santa Ċiċilja.*

> *"L-art li kienet proprjeta` tiegħu kienet aċċessibbli minn triq oħra li kienet aċċessibbli għall-pubbliku u li tibda' minn wara l-kappella ta'*

[5] Ara ritratti D u E a fol 19 u 20 rispettivament

[6] Xiehda tal-konvenut in subizzjoni: 22.11.2013, fol 21-30

[7] Affidavit tal-konvenut: 27.06.2014, fol 42-43

[8] Pjanta a fol 44, JR1

[9] L-għalqa li hija proprjeta` ta' Zammit Haber, li hija indikata A fuq ir-ritratti tal-ajru, hija immarkata B fuq il-pjanta a fol 44.

*Santa Ċiċilja. Hija assolutament ma kellhiex l-aċċess minn fuq dik ta' Zammit Haber. Bi prova ta' dan qed nipprezenta bħala Dok JR1 pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet, fejn jidher ħajt kontinwu bejn dawn iżżewġ artijiet imsemmija, li jien qed nimmarkah bil-kulur roża."*

39. *Kompla jispjega li dawn iż-żewġ artijiet li kellu f'idejh Joseph Spiteri waqgħu f'idejn ibnu Raymond Spiteri li ma kienx jagħmel xogħol ta' raba. Jgħid li dan Raymond Spiteri għalhekk kien ta l-biċċa art (B) f'idejn l-attur Galea u li meta dan Galea ħadha f'idejh qabad u waqqa' l-ħajt li kien jifridha minn ma' ta' Zammit Haber u għadda bl-inġenji – fatt li wassal lil Zammit Haber biex jiftaħ proċeduri kontrih (Galea) fl-1986. Sussegwentement fl-2001 Raymond Spiteri biegħ lill-atturi din l-art (B) diġa okkupata minnhom. Isostni li d-dikjarazzjonijiet li saru fuq il-kuntratt fir-rigward tad-dritt tal-passaġġ saru propju biex jgħinu lil Galea fil-kawżi li kellu l-Qorti.*

40. *Il-konvenut jgħid ukoll li fl-istess żmien li Raymond Spiteri biegħ l-għalqa (B) lill-atturi (fl-2001), huwa ċeda l-kera tar-raba ta' Zammit Haber (A) lilu (Ġanni Rapa). Jispjega li imbagħad fl-2010 il-kawża li kienet saret fl-1986 minn Zammit Haber kontra l-attur odjern inqatgħet kontrih u ġie ordnat jerġa' jibni l-ħajt li kien jifred l-art ta' Zammit Haber minn dik tiegħu, ħaġa li ma għamilx*[10]*.*

41. *Ikompli jgħid li x'ħin Zammit Haber raw li Galea baqa' ma tellax il-ħajt kif ordnat li jagħmel mill-Qorti tawh struzzjonijiet biex jibni l-ħajt li jifred il-proprjeta` tagħhom minn ta' Galea u wkoll biex iwaħħal gate mal-parti ta' quddiem tar-raba tagħhom (jidher li hawn qed jirreferi għal dik il-parti tal-"passaġġ" fejn tmiss mat-triq u qed iqisha bħala parti mir-raba tal-aħwa Zammit Haber).*

> *"Naf li wara li kien sar dan ix-xogħol George Galea reġa' waqqa' l-ħajt li jifred ir-raba kif ukoll waqqa l-ħajt li jiġi biswit il-gate. Huwa tefa l-kantun tiegħu fil-ġenb u reġa ttenta jidħol fil-proprjeta` tagħna bl-inġenji bi ksur tal-ordni tal-Qorti. Zammit Haber reġgħu ikkmandawni nibni l-ħitan imwaqqgħin minn Galea billi nerġa nuża l-kantun li kien hemm qabel. Pero` Galea reġa' għal darb'oħra waqqagħhom. F'dak il-punt Zammit Haber qaluli npoġġi ġebel fuq <u>in-naħa ta' quddiem tal-art ħdejn il-gate</u>, flok il-ħajt li kien hemm, biex b'hekk Galea ma jerġax jgħaddi. Pero` minn dakinhar Galea baqa' jgħaddi xorta pero` bir-riġel." (enfasi ta' din il-Qorti).*

[10] **Giovanni Elia Zammit Haber v. George Galea**, Q. Appell Superjuri, 03.12.2010
](fejn ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni tal-ewwel qorti tad-19.05.2010)

*42. Fil-kontro-eżami tiegħu il-konvenut[11] appellat spjega li l-għalqa (A) li llum qegħda f'idejh tinkludi l-passaġġ; fil-fatt qal li "anke l-ħlas magħha qiegħed". Xehed li missieru tar-rispett Joseph Spiteri kien bħalu jgħaddi mill-passaġġ (fejn illum hemm ix-xatba mat-triq) u jaħdem il-passaġġ mal-għalqa.*

*43. Zakkarija Zammit Haber fl-affidavit tiegħu[12] jikkonferma l-verżjoni tal-konvenut. Dwar l-art li tinsab f'idejn l-attur (għalqa B) jgħid li din għandha aċċess minn triq wara l-Kappella ta' Santa Ċiċilja u esebixxa ritratt mill-ajru tal-1957[13] li fuqu indika bl-isfar tali aċċess. Din il-Qorti tosserva li huwa jirreferi għall-"passaġġ" li jibda minn Triq ta' Lambert bħala parti mill-għalqa tagħhom (A) għaliex huwa jirreferi għal dik il-fetħa fejn huma kienu taw struzzjonijiet lill-konvenut biex iwaħħal ix-xatba bħala l-"parti ta' quddiem tar-raba tagħna".*

*44. Elizabeth Everett (waħda mill-aħwa Zammit Haber) fix-xiehda tagħha[14] ikkonfermat li l-familja tagħha għandhom biċċa raba aċċessibbli minn entrata li tinħadem mill-konvenut Ġanni Rapa. Spjegat li l-attur Ġorġ Galea kien waqqa' żewġ ħitan: wieħed mat-triq u wieħed li jaqsam ir-raba tagħhom minn dik tiegħu, u daħal bl-inġenji. "Kien daħal, kien daħal, kien daħal bit-tractors u hekk, u kien hemm ir-raba tagħna kien, hemmhekk tinħadem u ġiet qisha passaġġ u kien beda." Qalet li b'konsegwenza ta' dan missierhom kien tellgħu il-Qorti (fl-1986) u kienu rebħu l-każ (fl-2010). Minkejja li kien ġie ordnat itella' l-ħitan imwaqqa' minnu dan m'għamlux u x-xhud spjegat li għalhekk kienu għamlu xatba quddiem mat-triq.*

*45. Ta' importanza partikolari għal din il-kawża hija d-deċiżjoni mogħtija fil-kawża Giovanni Elia Zammit Haber v. George Galea (100/86). F'din il-kawża l-attur Zammit Haber ippremetta li huwa jippossjedi art "Ta' Psaila" li tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Giuseppe Spiteri. (Evidentement qed jirreferi għall-għalqa indikata (A) fuq ir-ritratti mill-ajru.) Jilmenta li l-konvenut George Galea (l-attur odjern) fil-31 ta' Lulju 1986 u dati oħra sussegwenti kien daħal fuq l-imsemmija art bil-vetturi "u qaleb f'diversi inħawi l-ħitan limitrofi tagħha". Fis-6 ta' Awwissu 1986 kien inħareġ mandat ta' inibizzjoni kontra George Galea fuq talba ta' Giovanni Elia Zammit Haber u wkoll Joseph Spiteri[15] fejn ġie miżmum milli*

[11] Kontro-eżami tal-konvenut Gianni Rapa, 21.11.2014

[12] Affidavit ta' Zakkarija Zammit Haber, 26.06.2014, fol 45-46

[13] Dok ZZH1, fol 47

[14] Xiehda ta' Elizabeth Everett, prodotta mill-attur 05.08.2014, fol 54-93

[15] Joseph Spiteri imbagħad jidher li ma pparteċipax fil-kawża 100/86

*jidħol f'tali art. Huwa fid-19 ta' Mejju 2010 ġie ordnat mill-Qorti jerġa' jibni l-ħitan imwaqqa' minnu*[16].

***<u>Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti:</u>***

*46. L-ewwel Qorti kienet sodisfatta li wieħed mill-ħitan li l-attur odjern kellu jerġa' jibni skont id-deċiżjoni fil-kawża 100/86 kien proprju l-ħajt bejn l-għalqa tal-atturi u l-għalqa tal-aħwa Zammit Haber (maħduma mill-konvenut). Osservat illi dan ma għamlux u anzi hu u martu l-atturi odjerni baqgħu jgħaddu mill-passaġġ bi ksur tal-ordnijiet mogħtija mill-Qorti fis-sentenza tal-kawża 100/86. Għalkemm sabet li kienu jissussistu żewġ elementi ta' spoll (infra bimestre deduxisse, u possedisse) dehriliha li l-element tal-ispoliatum fuisse ma ġiex sodisfatt u għalhekk kkonkludiet li l-aġir tal-konvenut ma kienx jammonta għal spoll fil-konfront tal-atturi.*

***<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>***

*47. Din il-Qorti wara li rat l-atti, is-sentenza appellata u s-sentenza rigwardanti l-każ 100/86, ir-rikors tal-appell tal-atturi u r-risposta relattiva tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:*

*Dwar il-ħajt li kellu jerġa' jibena skont il-kawża 100/86*

*48. Kuntrarjament għat-teżi tal-atturi appellanti, l-att spoljattiv mertu tal-kawża 100/86 ma twettaqx bejn l-għelieqi indikati (B) u (C) fuq ir-ritratti mill-ajru, iżda bejn l-għelieqi (A) u (B). Dan joħroġ ampjament ċar mill-premessi tal-istess ċitazzjoni, fejn l-ilment kien jirrigwarda l-għalqa (A). Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti fil-kawża odjerna, wkoll ma għandha l-ebda dubju li wieħed mill-ħitan li l-attur odjern ġie ordnat jerġa jibni skont id-deċiżjoni tal-100/86 huwa proprju l-ħajt bejn l-għalqa (A) u l-għalqa (B). Assolutament mhux minnu li l-ewwel Qorti fehmet ħażin dwar liema ħajt ġie ordnat jittella'. Għalkemm l-atturi appellanti jargumentaw li fl-1986 l-għalqa diġa proprjeta` tagħhom (C) ma kinitx tmiss ma' dik ta' Zammit Haber (A) u li bejniethom kien hemm dik ta' Joseph Spiteri (B), il-konvenut xehed li dik l-għalqa kienet ilha okkupata minnhom minn qabel ma xtrawha mingħand bin Joseph Spiteri fl-2001 u għalhekk f'tali każ l-atturi kellhom interess iwaqqgħu tali ħajt biex jestendu l-passaġġ għall-art okkupata minnhom. Zakkarija Zammit Haber ukoll jikkonferma li "..fis-sena 1986 missieri kien irrabja mhux ħażin għaliex George Galea <u>kien waqqa' ħajt li kien hemm jifred l-art tagħna minn l-art l-oħra li kienet f'idejh</u>, għadda bl-inġenji*

[16] Din id-deċiżjoni ġiet konfermata fl-appell fit-03.12.2010

*minn fuq ir-raba tagħna u għamel ħerba sħiħa." (enfasi ta' din il-Qorti). Inoltre, jiġi osservat ukoll illi, li kieku, kif qed jargumentaw l-atturi appellanti, l-att spoljattiv fl-1986 verament kien jirrigwarda l-ħajt bejn l-għalqa (B) u l-għalqa (C), ma jagħmilx sens li George Galea fl-2010 imbagħad jiġi ordnat jirripristina l-ħitan li waqqa' (inkluż tali ħajt), ladarba huwa kien proprjetarju tal-għalqa (C) u fil-mori ta' tali kawża (2001) sar proprjetarju tal-għalqa (B).*

*Dwar li l-atturi appellanti ma kellhomx ordni speċifika biex ma jgħaddux mill-passaġġ*

*49. L-atturi appellanti jsostnu li huma kienu ġew inibiti milli jidħlu fl-għalqa (A) ta' Zammit Haber imma mhux mill-"passaġġ" illi mit-triq pubblika kien jagħti għal bosta għelieqi, inkluż dik ta' Zammit Haber. Jekk wieħed jara r-ritratt mill-ajru tal-1957, u wkoll il-pjanta a fol 44 pero`, jifhem kif il-"passaġġ", li jibda minn Triq ta' Lambert, (għalkemm fl-antik jidher li kien magħluq b'ħajt) jibqa sejjer għall-għalqa (A)[17] ta' Zammit Haber b'mod li jidher jifforma parti mill-istess għalqa. Dan jikkorrobora x-xiehda tal-konvenut u ta' Zammit Haber li l-bidu tal-"passaġġ" huwa fil-fatt "il-parti ta' quddiem" tal-għalqa (A).*

*50. Fi kwalunkwe każ, dan il-"passaġġ", iwassal dirett fl-għalqa (A) u allura jekk l-effett tad-deċiżjoni tal-Qorti fil-kawża 100/86 hu li l-atturi appellanti huma inibiti milli jgħaddu minn fuq l-għalqa (A) biex imorru għall-għalqa (B) tagħhom, daqstant ieħor jiġi li ġew inibiti milli jidħlu għall-għalqa (A) minn fuq tali "passaġġ" li jibda' minn Triq ta' Lambert u jiftaħ proprju fl-għalqa (A). Id-deċiżjoni tal-Qorti fil-kawża 100/86 neċessarjament timplika dan.*

*Dwar li l-att spoljattiv in kwistjoni sar fil-bidu tal-passaġġ (fejn jiżbokka minn Triq ta' Lambert) mhux fejn il-ħajt bejn l-għalqa (A) u (B)*

*51. L-atturi appellanti jilmentaw illi ma jistgħux jifhmu kif il-ġebel li poġġa l-konvenut appellat fil-bidu tal-passaġġ għandu x'jaqsam mal-ħajt li "allegatament" kellu jinbena bejn l-għalqa (A) u (B). Huwa veru li l-ġebel fil-bidu tal-passaġġ per se m'għandux x'jaqsam mal-ħajt li skont il-Qorti kellu jinbena mill-attur odjern biex jifred l-għelieqi, pero` lanqas ma jista' jingħad li mhumiex relatati. Il-ħajt li l-Qorti ordnat lill-attur appellant odjern jibni bejn l-għelieqi kellu jagħlaq il-passaġġ li kien qed juża biex jaċċedi għal fuq l-art tiegħu, u għalhekk mill-2010 l-atturi appellanti odjerni mhux suppost li kienu qed jgħaddu minn hemm. Isegwi allura li l-ġebel li poġġa l-konvenut fil-bidu tal-*

[17] Indikata (B) fuq il-pjanta a fol 44

*passaġġ (u kwalsiasi ħaġa oħra li seta' għamel hemm) ma jistax jitqies bħala att spoljattiv fil-konfront tal-atturi appellanti.*

*L-atturi appellanti bħala suċċessuri fit-titolu ta' Joseph Spiteri*

*52. L-għalqa (B) illum tal-atturi kienet oriġinarjament ta' Joseph Spiteri, u l-istess Joseph Spiteri fiż-żmien kien jaħdem ukoll l-għalqa adjaċenti (A) ta' Zammit Haber. L-atturi appellanti jgħidu li allura dan zgur kien jgħaddi bil-ħmar mill-passaġġ in kwistjoni biex jaħdem l-għalqa (B) dak iż-żmien tiegħu. Din il-Qorti ma teskludix li dan Joseph Spiteri seta' għamel xi aċċess fil-ħajt li jifred għalqa minn oħra, ladarba waħda kienet tiegħu (B) u l-oħra ta' Zammit Haber (A) kien jaħdima wkoll. Iżda dan kollu hu irrilevanti għaliex jibqa' l-fatt li fl-1986 l-attur ġie inibit milli jgħaddi minn fuq l-għalqa (A) u fl-2010 saħansitra ġie ordnat jerġa' jibni l-ħajt bejn l-għalqa (A) u l-għalqa (B) u għalhekk mhux il-każ li l-atturi appellanti joqgħodu jargumentaw li bħala suċċessuri fit-titolu ta' Joseph Spiteri jistgħu jgħaddu bħal ma kien jagħmel hu.*

*Il-pre-eżistenza ta' ħajt bejn it-triq u l-passaġġ*

*53. L-atturi appellanti jgħidu li l-konvenut ipprova juri (anke permezz tal-evidenza ta' Elizabeth Everett) li fit-tarf tal-passaġġ (fejn jiġi mat-triq) kien hemm ħajt li l-attur waqqa' fl-1986. Jgħidu li l-konvenut appellat jallega ukoll li kien in vista tal-fatt li huwa (l-attur odjern) ma reġax bena dan il-ħajt li l-aħwa Haber ordnawlu jagħmel xatba flok il-ħajt. Jargumentaw illi kieku verament kien hemm ħajt fil-post fejn il-passaġġ in kwistjoni jmiss mat-triq pubblika, kieku ma jagħmilx sens li l-passaġġ hu iffurmat b'ħitan tas-sejjieħ fuq iż-żewġ naħat.*

*54. Kif diġa ġie osservat supra, jekk wieħed iqabbel ir-ritratti mill-ajru tal-1957 u tal-2008 jidher li fl-1957 fil-fatt kien hemm ħajt li jifred il-"passaġġ" minn Triq ta' Lambert, iżda fl-2008 jidher aċċess miftuħ mit-triq. (Il-pjanta a fol 44 ukoll turi li f'xi żmien kien hemm tali ħajt). Jeżistu provi konfliġġenti dwar dan il-ħajt li kien jifred il-passaġġ mit-triq. Skont Elizabeth Everett il-ħajt li kien jifred il-passaġġ mit-triq fil-fatt kien twaqqa' mill-attur fl-1986 (u allura wara li kien ħareġ mix-xena Joseph Spiteri). Skont il-konvenut appellat, fi żmien li kien jaħdem l-art missieru tar-rispett Joseph Spiteri ma kienx hemm ħajt għax qal li l-istess Joseph Spiteri kien jgħaddi mill-passaġġ. Fil-fatt kuntrarjament għal dak li jgħidu l-atturi appellanti, il-konvenut appellat ma qalx li x-xatba poġġiha hemm għax l-atturi ma bnewx il-ħajt f'tali post, imma bħala konsegwenza tal-fatt li ma bnewx il-ħajt li jifred l-għalqa (A) minn l-għalqa (B).*

*55. Pero` fil-fehma ta' din il-Qorti il-pre-eżistenza tal-ħajt bejn it-triq u l-passaġġ u jekk it-twaqqiegħ tiegħu kienx mertu tal-kawża tal-1986 (u allura kienx wieħed mill-ħitan li Galea kellu jerġa' jibni skont l-ordni talQorti tal-2010) mhux kwistjoni determinanti għall-vertenza odjerna.*

*Huwa biżżejjed li ġie stabbilit illi bħala konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-2010 mhux suppost hemm aċċess għall-għalqa (B) minn fuq l-għalqa (A) u allura l-atturi appellanti ma jistgħux jippretendu li minn Triq ta' Lambert jistgħu jidħlu għall-passaġġ li jmur dirett fl-għalqa (A).*

*Il-ħitan tas-sejjieħ fuq iż-żewġ naħat tal-"passaġġ"*

*56. L-atturi appellanti isostnu li prova tal-fatt li hemmhekk verament jeżisti passaġġ jikkonsisti fil-fatt li huwa ffurmat b'ħitan tas-sejjieħ fuq iż-żewġ naħat. Dan l-argument huwa fil-fehma ta' din il-Qorti irrilevanti. Apparti l-ispjegazzjoni tal-konvenut illi ħitan tas-sejjieħ qegħdin hemm bħala ħitan diviżorji u mhux biex jiddefinixxu passaġġ, jerġa' jiġi ritenut illi ladarba dan il-"passaġġ" jiftaħ għall-għalqa (A) ta' Zammit Haber, li b'ordni tal-Qorti suppost hija mifruda b'ħajt mill-għalqa (B) tal-atturi appellanti, dawn ma jistgħux jippretendu aċċess liberu minn fuqu.*

*L-ispazju bejn ix-xatba*

*57. Din il-Qorti tqis li huwa irrilevanti l-fatt li x-xatba li saret mill-konvenut appellat fuq struzzjonijiet ta' Zammit Haber xorta baqgħet tippermetti lil dak li jkun li jgħaddi bir-riġel. Seta' lanqas biss kien hemm xatba għax fi kwalunkwe każ il-ħajt bejn l-għalqa (A) u (B) li suppost sar mill-attur appellant kif ordnat, kellu jagħlaq l-aċċess għall-għalqa tiegħu (B) mill-għalqa (A).*

*...*

***<u>Konklużjoni</u>***

*Għall-motivi premessi din il-Qorti ma ssibx li l-aġir tal-konvenut appellat jammonta għal spoll fil-konfront tal-atturi appellanti. Mid-deċiżjoni mogħtija fl-2010 fil-kawża 100/86, jirriżulta li l-atturi appellanti odjerni ma jistgħux jaċċedu għall-għalqa tagħhom (B) minn fuq l-għalqa (A) ta' Zammit Haber għax tali deċiżjoni proprju ordnat li jerġa' jittella' ħajt li jifridhom, u kif ġie spjegat, il-"passaġġ" li jibda minn Triq ta' Lambert, li skont il-konvenut u Zammit Haber huwa parti mill-għalqa (A), fil-fatt jagħti dritt għall-għalqa (A).* ***<u>L-attur appellant odjern Galea mhux talli ma tellax il-ħajt li kellu jifred l-għalqa</u>***

***<u>tiegħu minn dik ta' Zammit Haber, kif ordnat mill-Qorti fl-2010, talli waqqa' tali ħajt kull darba li bnieh il-konvenut fuq struzzjonijiet ta' Zammit Haber, u sfaċċatament l-atturi appellanti baqgħu jgħaddu mill-passaġġ li jibda' minn Triq ta' Lambert biex jaċċedu għall-proprjeta` tagħhom (B).</u>*** (enfasi mizjuda minn din il-Qorti)

*59. Għalhekk għalkemm jirriżulta pruvat li l-atturi appellanti kellhom/għandhom "pussess" fuq tali "passaġġ", inkluż il-parti fejn il-konvenut tefa' l-iskart/ġebel, ma jistgħux jippretendu li jirrikorru lejn din il-Qorti sabiex jissalvagwardjaw tali "pussess" meta hemm deċiżjoni ta' Qorti oħra li neċessarjament teskludi lill-atturi appellanti milli jkollhom tali "pussess". It-tqegħid tal-iskart/ġebel għalhekk, da parti tal-konvenut appellat, ma jistax jitqies bħala aġir spoljattiv, u din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti in kwantu irriteniet li l-element tal-ispoliatum fuisse huwa mankanti."*

Fil-kawża bin-numru 90/13 il-Qorti ta' l-Appell tenniet illi l-evalwazzjoni tal-fatti u r-raġunijiet li wassluha għall-konklużjonijiet minnha milħquha fil-kawża bin-numru 62/13 kellhom japplikaw ukoll għall-kawża bin-numru 90/13. Fiż-żewġ appelli l-Qorti tal-Appell għaddiet sabiex ċaħdet l-appell imressaq minn George Galea u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Id-Dritt**

L-*actio spolii* hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji kontemplati taħt il-Kodiċi Ċivili. Huwa ben magħruf li l-*actio spolii* hija azzjoni ta' natura pubblika mpernjata fuq bżonn soċjali li jiġi protett il-pussess u li kull ċittadin jiġi prekluż milli jieħu l-liġi f'idejh. Għalhekk azzjoni ta' spoll isservi sabiex jiġi reintegrat il-pussess li jkun ġie mfixkel[18].

L-azzjoni ta' spoll hija regolata permezz ta' l-artikolu 535 tal-Kap. 16. Id-disposizzjoni taqra hekk:

*"(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, **<u>imneżżgħa mill-pussess</u>**, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', **<u>fi żmien xahrejn</u>** mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terġa' tiġi mqegħdha f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

[18] Ara **Luigi Sultana et vs Emanuel Cremona et**, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, 16 ta' Novembru 2010

*(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-intimat ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll."*

Minn din id-dispozizzjoni jidher illi tlieta huma l-elementi kostituttivi tal-azzjoni ta' spoll:

a) Il-pussess (***actor docere debet possidesse***)

b) L-att spoljattiv (***spoliatum fuisse***)

c) L-att seħħ fix-xahrejn immedjatament qabel inbdew il-proċeduri dwar l-ispoll (***infra bimestre deduxisse***)

Dawn it-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin b'tant illi jekk wieħed minn dawn l-elementi jkun nieqes l-azzjoni ma tirnexxix[19].

**Il-Pussess**

Dwar l-element tal-pussess ingħad illi *"għall-azzjoni ta' spoll, biżżejjed li jkun pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali di fatto, kemm il-pussess leġittimu mingħajr il-materjali detenzjoni tal-ħaġa kif ukoll il-pussess di diritto ta' min ikun akkwista l-ħaġa."*[20]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Tiziana Pane` vs Antonio Pane`** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011 ingħad hekk:

*"Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, il-parti attriċi kienet fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[21]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[22], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[23] u dak tal-ispoll[24] . Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[25];"*

[19] Ara: **Joseph Tabone vs Joseph Flavia sive de Flavia**, Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Marzu 1958
[20] Ara: Vol. XLI.II.1129
[21] App.: 26.1.1996 fil-kawża fl-ismijiet **J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe** (Kollez. Vol.: LXXX.ii.306)
[22] P.A. : 21.2.1983 fil-kawża fl-ismijiet G.M. Tonna vs G.M. Tonna
[23] App.: 4.12.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Aquilina noe et vs L. Debono (Kollez. Vol:LXXXII.ii.1217)
[24] .P.A. 12.6.1998 fil-kawża fl-ismijiet J.Ċilia et vs L. Camilleri et (mhux pubblikata);
[25] P.A.: 21.1.1994 fil-kawża fl-ismijiet A. Pisani et vs V. Farruġia (mhux pubblikata)

*Spoliatum fuisse*:

Illi dwar l-element ta' l-ispoll vjolenti u klandestin, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon Fava** deċiża fit-22 ta' April, 1988 ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell illi:

*"Hemm certi rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi."*

Sabiex ikun sodisfatt dan it-tieni element jeħtieġ issir il-prova li l-att ta' spoll sar b'mod arbitrarju, kontra r-rieda tal-possessur u bil-moħbi tal-pussessur.

***Infra bimestre deduxisse***

Dan l-element irid illi l-kawża tiġi ntavolata entru xahrejn minn mindu jseħħ l-att spoljattiv.

Fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Paul Farrugia noe vs Peter Paul Cutajar** deċiża fit-13 ta' Frar 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ingħad illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Jinkombi fuq l-attur illi jipprova l-fatt minnu allegat. F'dan il-kuntest il-prova trid tkun dwar il-mument meta seħħ l-att spoljattiv u mhux il-mument meta l-attur ikun intebaħ bl-ispoll.

**Ikkunsidrat**

Meta xehed f'dawn il-proċeduri, l-attur qal illi sussegwentement għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Mejju 2016 huwa reġa bena l-hajt li jifred u jiddelineja l-għalqa fil-pussess tiegħu minn dik tal-konvenut. Madanakollu, meta mar jagħti titwila fit-2 ta' Jannar 2017 huwa sab illi l-ħajt in kwistjoni kien reġa ġie mwaqqa. Irriżulta wkoll illi l-ħajt kien twitta

b'tali mod illi l-konvenut seta' jaċċedi għar-raba tiegħu b'inġejni bħal *tractor* jew makkinarju simili u li meta filfatt għadda minn fuq l-għalqa fil-pussess tal-attur b'tali inġenji iż-żergħa fl-għalqa fil-pussess tal-attur intradmet. Aggravat b'dan l-aġir, fit-3 ta' Jannar 2017 l-attur għamel rapport ġewwa l-għassa tal-Pulizija f'Victoria Għawdex[26].

Eżaminati l-atti, partikolarment il-kontro-eżmaijiet illi saru da parti tal-konvenuti Galea, l-Qorti tosserva kif il-konvenuti jippruvaw iħawwdu l-imħuħ billi jagħtu l-impressjoni li l-ħajt li reġa nbena mill-attur huwa differenti minn dak mertu ta' dawn il-proċeduri u tal-proċeduri l-oħra kollha li ppreċedew il-kawża odjerna. Il-Qorti fliet l-atti bir-reqqa u kemm mill-pjanti sottomessi u kif ukoll mix-xhieda jidher illi l-ħajt mertu ta' din il-vertenza huwa l-istess wieħed bħal dak fil-kawżi l-oħra kollha li kien hemm bejn il-partijiet jew l-awturi tagħhom fit-titolu. Is-sitwazzjoni baqgħet tippersisti matul is-snin b'tali mod illi l-konvenut baqa' għal kollox inadempjenti meta injora l-ordni tal-Qorti kif mogħtija permezz tas-sentenza tad-19 ta' Mejju 2010 fil-kawza bin-numru 101/86 sabiex jibni lura l-ħajt divizorju bejn l-għelieqi in kwistjoni. L-attur, fuq struzzjonijiet tal-aħwa Zammit Haber bena l-imsemmi ħajt li baqa' jinħatt mill-konvenut sakemm l-attur kien kostrett jipproċedi bil-kawża odjerna.

Il-Qorti tirribadixxi li din ta' llum hija kawża dwar spoll u allura l-Qorti marbuta biss li tagħmel eżami sabiex tara seħħx l-aġir lamentat. Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jedd ta' servitu' kif donnu jippretendi li għandu, allura għandu jagħraf jirregola ruħu permezz ta' proċeduri ad hoc. Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, l-Qorti tkun qegħda tiżboq il-kompitu tagħha jekk tissindika t-titolu o meno li jgawdi minnu l-konvenut. Dak li trid tistabbilixxi l-Qorti llum huwa jekk l-attur għandux il-pussess tal-għalqa in kwistjoni u jekk bl-aġir tiegħu il-konvenut ħax il-liġi b'idejh a skapitu tad-drittijiet tal-attur. Kull kwistjoni oħra hija bl-aktar mod kategoriku rrelevanti għall-fini ta' dak li ġie mitlub mill-attur f'dawn il-proċeduri.

Abbinati l-prinċipji legali għall-fatti kif jirriżultaw minn dawn il-proċeduri, il-Qorti ssib illi l-attur seħħlu jagħmel il-prova tal-pussess liema pussess ilu f'idejn l-attur għal snin twal ħafna. Jirriżulta għalhekk sodisfatt l-ewwel element tal-azzjoni.

---

[26] Ara l-PIRS report 'Dok.

It-tieni element li jrid jiġi ppruvat mill-attur sabiex jirnexxi fl-azzjoni minnu ntentata huwa l-*ispoliatum fuisse* liema element din il-Qorti tqis bħala li ġie sodisfaċentement ippruvat. Il-prova reġina ta' dan l-aġir tinsab fix-xhieda tal-konvenut kif ikkonfermata minn ibnu Joseph Galea. Il-Konvenut xehed hekk:

*"Ix-xhud: … Konna morna hemm jien u t-tifel biex nizirghu erba' fuliet.*
*…*

*Ix-xhud: Ottubru kien.*

*Dr Georgine Grech: Ta' liema sena?*

*Ix-xhud: seventeen ('17) kien?*

*…*

*Ix-xhud: Mhux dakinhar kont dhalt! Imbaghad ma dhaltx izjed.*

*Il-Qorti: Imma minn fejn dhalt?*

*Ix-xhud: Mis-sqaq dhalt.*

*Dr Georgine Grech: Jigifieri minn go ta' Zammit Haber.*

*Ix-xhud: Iva."*

Il-Qorti tosserva kif meta ġie mistoqsi dwar meta l-aħħar twaqqa l-ħajt il-konvenut, konvenjentement jgħid illi *"Jiena ma nafx, jiena heqq, heqq, heqq, ma noqghodx inzomm iz-zmien, ma nafx meta sewwa."*

Joseph Galea xehed hekk:

*"Ix-xhud: Jien f'Ottubru dhalt, ir-raba taghhom ma kienx mahdum, dhalt bil-mohriet.*

*...*

*Ix-xhud: Qlajt zewg filati minn fuq.*

*...*

*Ix-xhud:* *Xillieli, biex nidhol bil-mutur.*
*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Bit-tractor.*

*Ix-xhud:* *Le mhux tractor kelli, mutur tal-hart.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Sewwa, sewwa.*

*Ix-xhud:* *U biex naqbzu u nghaddi ghax ridt nizra l-ful.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Sewwa. Jigifieri dakinhar ghaddejt minn Triq Lambert.*

*Ix-xhud:* *Iva.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Dhalt minn gol-entratura li ghandkom il-kwistjoni fuqha.*

*Ix-xhud:* *Iva, iva.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Bqajt diehel bil-mohriet?*

*Ix-xhud:* *U kien hemm dan il-hajt.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Nehhejt minnu biex?*

*Ix-xhud:* *Nehhejt zewg kantuni minn fuq.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Issa, kont wahdek jew kien hemm missierek mieghek?*

*Ix-xhud:* *Missieri kien mieghi, imma jien qlajt il-gebel.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Inti qlajt il-gebel. Ovvajment qlajtu int ghax missierk ma kienx jiflah?*

*Ix-xhud:* *Mhux hekk, mhux hekk.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Jigifieri hu qallek taghmilha din il-bicca xoghol?*

*Ix-xhud:* *Ifhimni, jien ridt nidhol.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Sewwa. Issa inti kif inti cert li f'Ottubru u mhux f'Novembru jew?*

*Ix-xhud: Ghax ridt nizra l-ful.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Ghax ridt tizra l-ful.*

*Ix-xhud: Il-ful ridt naghmlu bikri.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Cert li Ottubru, mhux Novembru perezempju?*

*Ix-xhud: Le Ottubru kien ta' f'xi nofs Ottubru.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Sewwa. Imbaghad x'gara, imbaghad ma mortx iktar?*

*Ix-xhud: Imbaghad bdejt nghaddi minn wara, ghax imbaghad spiccajna bil-kawza, imbaghad tefghu l-vieg terrapien u biex noqghod nikkummiedja u ntella' qtajt qalbi, ma nistax ntella' l-mohriet minn fuq kocc gebel.*

...

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: ir-raba tixtriha, tixtriha b'access.*

*Ix-xhud: Kien ilu li xtraha missieri.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: U meta xtarha l-access ghaliha?*

*Ix-xhud: Kellu passagg tar-rigel minn banda ohra.*

*L-Avukat Dottor Georgine Schembri: Minn wara?*

*Ix-xhud: Minn wara."*

Għalkemm il-konvenut eċċepixxa li ma kkommettiex spoll, din l-ammissjoni skjetta da parti tal-konvenut u ta' ibnu ma tħalli ebda dubju f'moħħ din il-Qorti illi anki t-tieni element tal-azzjoni (*spoliatum fuisse*) jirriżulta sodisfaċentement ippruvat. Is-sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Mejju 2010 fil-kawża 101/86 ma tagħti lok għal ebda interpretazzjoni ekwivoka. Permezz ta' dik is-sentenza l-Qorti ddikjarat illi George Galea ma jgawdi minn ebda jedd ta' passaġġ minn fuq ir-raba' proprjeta' tal-familja Zammit

Haber liema raba' tinsab preżentement fil-pussess tal-attur. Dan pero' l-konvenut ma jistax jew aħjar ma jridx jifhmu bil-konsegwenza illi qiegħed jibqa' jinjora għal kollox l-ordnijiet tal-Qorti kif mogħtija lilu matul is-snin. B'dan l-aġir tiegħu l-konvenut qiegħed juri b'mod persistenti disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u fuq kollox qiegħed ikun il-kawża ta' diżgwid kontinwu bejnu u bejn l-attur u l-familja Zammit Haber. Il-konvenut mhux qiegħed iqis illi l-aġir persistenti tiegħu qiegħed jissarraf f'ħafna kawżi quddiem il-Qorti. Mhux biss dan qiegħed jissarraf f'ħela ta' flus għall-partijiet li jridu jagħmlu tajjeb minn buthom għall-ispejjeż legali iżda fuq kollox qiegħed jissarraf f'ħela ta' ħin u riżorsi prezzjużi li l-Qrati m'għandhomx x'jaħlu.

Stabbilit illi ġew ippruvati l-ewwel żewġ elementi tal-azzjoni, jibqa' għalhekk biex jiġi mistħarreġ jekk jirriżultax ukoll ippruvat it-tielet element tal-azzjoni u cioe illi l-azzjoni attriċi ġiet intavolata entru l-perjodu ta' dekadenza stabbilit mil-liġi. Permezz tat-tielet eċċezzjoni l-konvenuti eċċepew li dan l-element huwa mankanti fil-kuntest tal-kawża odjern. Jgħidu illi l-ħajt twaqqa' fi żmien qabel dak indikat mill-attur.

Fit-3 ta' Jannar 2017 l-attur irraporta li l-jum ta' qabel u cioe fit-2 ta' Jannar 2017 huwa kien sab il-ħajt tal-għalqa fil-pussess tiegħu imwaqqa. Il-Qorti tqis illi l-attur kien inkonsistenti fix-xhieda tiegħu u dan għaliex fl-ewwel lok jgħid illi ma tantx kien qiegħed imur l-għalqa għaliex ma setax isuq u kien għadu qiegħed jirkupra minn intervent mediku li kien ġie sottopost għalih. In ri-eżami, meta xehed fi stadju inoltrat tal-kawża l-attur pero' xehed li għalkemm ma kienx f'pożizzjoni illi jsuq huwa kien imur l-għalqa bejn wieħed u ieħor kull ħmistax. Din ix-xhieda ssib kontradizzjoni fix-xhieda ta' Kelina Rapa ossia l-mara tal-attur li xehdet li waqt mixja fl-inħawi f'Novembru hija kienet intebħet li l-ħajt kien twaqqa' biss ma qalet xejn dwar dan lill-attur żewġha sabiex ma tinkwetahx. Il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Kelina Rapa għandha aktar mis-sewwa. Huwa inverosimili li jekk verament l-attur kien qiegħed imur fl-għalqa kull ħmistax allura ma ntebaħx qabel bil-fatt illi l-ħajt kien twaqqa.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-konvenut u partikolarment dik ta' ibnu Joseph Galea li saħaq li hu u missieru daħlu mill-passaġġ in kwistjoni u allura minn fuq ir-raba' fil-pussess tal-attur għall-ħabta ta' nofs Ottubru tas-sena 2017. Wara li eżaminat il-provi kelma b'kelma l-Qorti ssib illi m'għandiex raġuni għaliex ma tagħtix affidament lix-xhieda tal-konvenuti

aktar u aktar meta din tikkombaċja ma' dik ta' Kelina Rapa li xehdet li f'Novembru l-ħajt kien diġa twaqqa.

Fid-dawl ta' din ix-xhieda jirriżulta illi l-kawża ta' llum ġiet impustata *fuori termine*. La darba l-azzjoni attriċi hija monka fuq wieħed mill-pilastri tagħha, isewgi li l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi m'hemmx lok li tinoltra fis-siwi o meno tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi waqt illi tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-azzjoni attriċi hija perenta a tenur tal-Artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet u tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet attriċi kif dedotti.

Għar-raġunijiet kollha mfissra f'din is-sentenza, kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur